## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru: **1163/21 AD**

## BNF BANK plc GIA BANIF BANK (MALTA) PLC (C41030)

**VS**

## KARL LEWIS CARDONA FIOTT K.I. NUMRU 467391M

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' April 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba ghal dikjarazzjoni li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hamsa u erbghin elf, mitejn u erbgha u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€45,294.63) u ordni sabiex jitħallas l-istess ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' rikorrenti, liema talba saret permezz ta' rikors tas-soċjeta' BNF Bank plc gja' Banif Bank (Malta) plc ippreżentat fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2021 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2021, Luke Bonello, ghan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' BNF Bank plc, ikkonferma bil-ġurament tiegħu is-segwenti:

   a. Illi l-kumpannija attriċi hi bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lill-klijenti tagħha;

   b. Illi l-konvenut huwa klijent tal-kumpanija attriċi u ħa minn għandha self biex jiffinanzja l-akkwist ta' residenza u xogħlijiet marbuta magħha u kif ukoll ħtiġijiet oħra personali;

   c. Illi dan is-self, koncess ai termini ta' Credit Agreement datat 28 ta' Jannar 2015 (ara Dok. 'A') u kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dr Jean Karl Debono datat 19 t'Awissu 2015 (ara Dok. 'B' kien jammonta għal ħamsin elf Euro (€50,000) li kienu jinqasmu hekk:

      i. House Loan I – tmienja u tletin elf u tmien mitt Euro (€38,800),
      ii. House Loan II – għaxart elef Euro (€10,000),
      iii. Personal Loan I – elf u mitejn Euro (€1,200);

   d. Illi l-konvenut ħallas dejnu kollu kwantu l-Personal Loan I fuq imsemmi, iżda naqas milli jhallas lura s-self fuq il-faċilitajiet l-oħra u l-ammont dovut minnu fuqhom, hu kif ġej:

      i. sebgħa u tletin elf, tmien mija u tlieta u erbgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€37,843.25), dovuti fuq il-House Loan I fuq imsemmi, li tikkonċerna l-Account numru 452289.71.003 li sal-01 ta' Novembru 2021 kienu jinkludu mgħaxijiet ta' tletin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€30.72 ) (ara statement Bankarju markat Dok. 'C'), u

ii. sitt elef, seba’ mija u wieħed Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€6,701.28), dovuti fuq il-House Loan II fuq imsemmi, li jikkonċerna Account numru 452289.71.004 li sal-01 ta’ Novembru 2021 kienu jinkludu mgħaxijiet ta’ ħamest Euro u erbgħa u erbgħin centeżmu (€5.44) (ara statement Bankarju markat Dok. ‘D’);

e. Illi oltre dan id-dejn, hemm dovuti wkoll seba’ mija u ħamsin Euro u għaxar ċenteżmi (€750.10) (ara statement Bankarju markat Dok. ‘E’) fi spejjeż Bankarji marbuta mad-dejn fuq imsemmi u dovuti fuq Current Account numru 452289.10.001 (ara account opening form markata Dok. ‘F’);

f. Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenut lill-kumpannija attriċi sal-01 ta’ Novembru 2021, kien ta’ ħamsa u erbgħin elf, mitejn u erbgħa u disgħin Euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€45,294.63);

g. Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attriċi ai termini ta’ klawsola 15 tal-Credit Agreement markat Dok. ‘A’ u fuq imsemmi u dan għax kif stipulat f’dik l-klawsola, seħħew waħda jew aktar mill-events of default imsemmija fl-istess Credit Agreement, partikolarment, iżda mhux esklussivament:

“a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility”;

h. Illi l-kumpannija attriċi ttentat tinterpella lill-konvenut diversi drabi biex iħallasha d-dejn, fosthom permezz t'ittri legali datati 11 t'Ottubru 2017, 28 ta' Ġunju 2019 u 23 ta' Frar 2021 (ara Dok. 'G' sa Dok. 'I') u ittra uffiċjali numru 4294/2021 datata 05 t'Ottubru 2021 u prezentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. 'J'), iżda dan baqa' inadempjenti;

i. Illi l-kreditu tal-kumpanija attriċi huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attriċi;

j. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. tiddikjara li l-konvenut sar debitur tal-kumpannija attriċi fl-ammont ta' €45,294.63; u

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpannija attrici l-ammont ta' €45,294.63;

Bl-ispejjeż, bank charges u fees u bl-imgħaxijiet mill-01 ta' Novembru 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-bank charges u fees qed jintalbu: kwantu l-bilanċ dovut fuq il-House Loans fuq imsemmija, ai termini tal-Credit Agreement fuq imsemmi u markat Dok. 'A' u t-Tariff of Charges relattivi (ara Dok. 'K'); u kwantu l-Current Account fuq imsemmi ai termini tat-Terms & Conditions (ara Dok. 'L' u t-Tariff of Charges (ara Dok. 'M'), liema dokumenti tqiesu li saru lkoll japplikaw appena l-konvenut ħa l-faċilitajjiet bankarji mingħand il-kumpannija attriċi.

L-imgħaxijiet qed jintalbu: bir-rata ta' seba' punt tnejn fil-mija (7.2%) fis sena in kwantu l-bilanċ dovut fuq il-House Loans fuq imsemmija u dan ai termini tal-klawsoli 6 u 15 tal-Credit Agreement fuq imsemmi u market Dok. 'A'; u bl-għaxra fil-mija (10%) fis-sena in kwantu l-bilanċ dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi (ara markar bl-ahdar fuq Dok. 'M' msemmi aktar 'l fuq).

Il-konvenut huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni u dan b'rizerva għal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attriċi fil-konfront tal-istess konvenut.

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti BNF Bank plc Limited datat sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2021;

5. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe' Credit Agreement datat 28 ta' Jannar 2015 li permezz tiegħu ngħataw żewġ House Loans u Personal Loan **(Dok A),** kuntratt pubbliku magħmul fl-Atti tan-Nutar Dr Jean Karl Debono fid-19 t'Awissu 2015 u li segwa l-Credit Agreement market Dok. 'A' **(Dok B)**, statements bankarji rigward il-kontijiet bankarji bin-numri 452289.71.003, 452289.71.004 u 452289.10.001 rispettivament **(Dok C sa Dok E),** Account Opening Formiffirmata mill-konvenut in kwantu l-Current Account numru 452289.10.001 (**Dok F**), tlett ittri legali datati 11 t'Ottubru 2017, 28 ta' Ġunju 2019 u 23 ta' Frar 2021 li bihom il-kumpannija attriċi interpellat lill-konvenut iħallasha l-ammont dovut lilha (**Dok G sa Dok I**), ittra uffiċjali numru 4294/2021 datata 05 t'Ottubru 2021 u prezentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti, li bihom il-kumpannija attriċi interpellat lill-konvenut iħallasha l-ammont dovut lilha (Dok J), Tariff of Charges relativi għall-House Loans (Dok K), Terms & Conditions relattivi għall-Current Accounts (Dok L), Tariff of Charges relattivi għall-Current Accounts (Dok M).

6. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tat-tletin (30) ta' Novembru 2021 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tas-16 ta' Dicenbru 2021, b'ordni lill-intimat sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tas-soċjeta' attriċi, u, li fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi;

7. Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Dicembru 2022 fejn il-kawza thalliet ghat-18 ta' Jannar 2022 ghan-notifika tal-konvenut, kif ukoll il-verbal tat-18 ta' Jannar 2022 fejn il-kawza thalliet ghan-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali.

8. Rat illi l-konvenut deher fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022 fejn informa lill-Qorti li huwa ma giex notifikat bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smiegh u nofrma wkoll lill-Qorti li ghandu bzonn li jkun assistit minn Avukat tal-Ghajnuna Legali minhabba li m'ghandux mezzi u li jinsab rekoverat l-Isptar Monte Carmeli.

9. Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2022, il-partijiet talbu differiment biex jesploraw possibbilta ta' transazzjoni u l-kawza thalliet ghat-12 ta' April 2022.

10. Rat illi fis-seduta tat-12 ta' April 2022 Dr Maria Karlsson ghall-konvenut li kien ukoll prezenti ipprezentat u qrat nota ta' ammissjoni tal-konvenut ghat-talbiet attrici;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

12. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota illi kien minħabba illi l-konvenut kien għadu ma ġiex notifikat bir-rikors ġuramentat illi ma ngħatatx sentenza waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Dicembru 2021. In oltre, lanqas kien għadu ġie notifikat sas-seduta tal-

hmistax (15) ta' Frar 2022, u kien għalhekk illi l-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawża għal darb'oħra. Madanakollu, daħlet in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut Karl Lewis Cardona Fiott u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza. Konsegwentement jidher illi filwaqt illi fl-ewwel seduti ma seta jsir xejn stante illi l-konvenut kien għadu ma ġiex notifikat, u in konsiderazzjoni tal-fatt illi s-sentenza qiegħda effettivament tingħata wra li l-konvenut irregistra ammissjoni ghat-talbiet attrici din il-Qorti **sejra tikkonsidra l-ewwel talba sorvolata**;

13. F'dak illi jirrigwarda **t-tieni u t-tielet talba** tas-soċjeta' rikorrenti, il-Qorti tinnota illi:

    (a) Jirriżulta mir-rikors guramentat u mll-istatement u mid-dokumenti annessi (Dok. A sa Dok. M) mal-istess rikors promotur illi il-konvenut Karl Lewis Cardona Fiott huwa debitur tal-kumpannija attriċi fl-ammont ta' €45,294.63;

    (b) Kien il-konvenut stess illi permezz ta' nota preżentata waqt is-seduta tat-12 ta' April 2022, irreġistra ammissjoni ghat-talbiet attrici.

14. **In vista tal-ammissjoni tal-konvenut, fl-ammont kif debitament konfermat ukoll bil-provi miġjuba mis-soċjeta' attriċi, it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata u għandha għalhekk tintlaqa';**

15. **Konsegwentement għandha tintlaqa' wkoll it-tielet talba tas-soċjeta' rikorrenti;**

**Decide**

16. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tiddikjara</u>** illi l-ewwel talba ġiet sorvolata;

(ii) **<u>Tilqa</u>’** t-tieni talba tas-soċjeta’ attriċi u tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta’ attrici fis-somma ta’ hamsa u erbghin elf, mitejn u erbgha u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€45,294.63) rappreżentanti self moghti lill-konvenut mis-socjeta attrici abbazi ta’ House Loan u Credit Agreement (Dok. A u Dok. B annessi mar-rikors promotur).

(iii) **<u>Tordna</u>** lill-intimat iħallas lis-soċjeta’ attrici s-somma ta’ hamsa u erbghin elf, mitejn u erbgha u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€45,294.63), bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta novembru 2021 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Karl Lewis Cardona Fiott.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**